| 2. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarju 1 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).     | Riżultat ta' suċċess irregiſtrat għal parteċipant fil-programm "Taħriġ f'Ħiliet Speċifiċi".      | Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. | L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.                 | 1 631           |
| 3. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001). | Riżultat ta' suċċess irregiſtrat għal parteċipant fil-programm "Traineeship".                    | Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. | L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.                 | 1 513           |
| 4. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001). | Riżultat ta' suċċess irregiſtrat għal parteċipant fil-programm "Ċentru ta' Taħriġ tal-Komunità". | Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. | L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.                 | 4 718           |

| Tip ta' operazzjonijiet   | Isem l-indikatur <sup>(1)</sup>   | Kategorija tal-kostijiet                       | Unità ta' kejl għall-indikaturi                 | Ammonti (f'EUR) |
|---|---|--|---|-----------------|
| 5. Taħriġ għall-persuni qiegħda pprovdut mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ETB) taħt l-Assi Prijoritarji 1 u 4 tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05M9OP001).   | Riżultat ta' suċċess irregiŋtrat għal parteċipant fil-programm "Inizjattivi ta' Taħriġ Lokali". | Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. | L-għadd ta' riżultati ta' suċċess.              | 1 658           |
| 6. Appoġġ għall-inklużjoni soċjali mill-ħaddiema tas-SICAP <sup>(2)</sup> lil dawk f'riskju akbar ta' esklużjoni soċjali taħt l-Assi Prijoritarju 2.1 — Promozzjoni tal-Inklużjoni Soċjali u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim (2014IE05-M9OP001). | Ir-rata annwali għal kull ħaddiem tas-SICAP ekwivalenti għall-full time (FTE).                  | Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni. | L-għadd ta' ħaddiema tas-SICAP (FTE) kull sena. | 70 262          |

<sup>(1)</sup> Għal kull isem ta' indikatur hawn taħt, riżultat ta' suċċess jirreferi għal parteċipant li jikseb il-kriterji ta' valutazzjoni meħtieġa stabbiliti mill-Bordijiet tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ bir-riżultat ikun approvat mill-Bord għall-Approvazzjoni tar-Riżultati u rregiŋtrat fuq l-"F-12-Formola-ta'-Approvazzjoni tar-Riżultati-u-l-Iskeda-ta'-Valutazzjoni-Sommarju-tal-Kors" u rregiŋtrat ukoll b'mod elettroniku fuq is-Sistema ta' Talba għaċ-Ċertifikazzjoni u l-Qbid tar-Riżultati (RCCRS).

<sup>(2)</sup> SICAP — Social Inclusion and Community Activation Programme (Programm dwar l-Inklużjoni Soċjali u l-Attivazzjoni tal-Komunità (<https://www.pobal.ie/programmes/social-inclusion-and-community-activation-programme-sicap-2018-2022/>))

## 2. Aġġustament tal-ammonti

L-ammonti għat-tip ta' operazzjoni 6 jistgħu jiddiedu fuq bażi annwali f'konformità maċ-ċaqliq fl-Indiċi tal-Prezzijiet għall-Konsumatur Irlandiż.

## 3. Somom f'daqqa

| Tipta' operazzjonijiet  | Isem l-indikatur  | Kategorija tal-kostijiet       | Unità ta' kejl għall-indikatur   | Ammonti (f'EUR) |
|---|---|--------------------------------|--|-----------------|
| Assistenza teknika Assi Prijoritarju 5 Programm Operazzjonali għall-Impjegabbiltà, l-Inklużjoni u t-Tagħlim 2014-2020 PEIL CCI:2014IE05-M9OP001 | In-nefqa totali ġdida inkluża f'talba għall-ħlas. (jiġifieri n-nefqa eliġibbli totali inkluża f'talba għall-ħlas li tkun għadha ma ġietx ikkunsidrata għall-kalkolu ta' ħlas parzjali ta' EUR 100 000). | Il-kostijiet kollha eliġibbli. | Pagamenti ta' EUR 100 000 ta' nefqa totali ġdida inkluża fl-applikazzjoni għall-ħlas sottomessa lill-Kummissjoni Ewropea sakemm jintlaħaq l-ammont massimu tal-baġit skont l-Assi Prijoritarju dwar l-Assistenza Teknika | 2323,03"        |

## Kundizzjonijiet għar-rimborż tan-nefqa abbażi ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji lill-Portugall

## 1. Definizzjoni ta' tabelli standard ta' kostijiet unitarji

| Tip ta' operazzjonijiet   | Isem l-indikatur  | Kategorija tal-kostijiet   | Unità ta' kejl għall-indikaturi  | Ammonti (f'EUR)  |
|---|---|--|--|--|
| <p>Kwalunkwe operazzjoni li tirrigwarda l-forniment ta' taħriġ mhux formali lil persuni impjegati fis-settur pubbliku bil-għan li jiksbu għarfien u/jew jitgħallmu hilit ġodda fil-kuntest tar-riorganizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-amministrazzjonijiet pubbliċi taħt il-programmi operazzjonali li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— 2014PT16M3OP001 (Compete 2020): 5 — It-tisħiħ fil-kapaċitajiet istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati u l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika</li> <li>— 2014PT16M2OP001 (Norte 2020): assi prijoritarju 9 — Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Istituzzjonali u ICT</li> <li>— 2014PT16M2OP002 (Centro 2020): assi prijoritarju 8 — Tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali tal-entitajiet reġjonali</li> <li>— 2014PT16M2OP003 (Alentejo 2020): assi prijoritarju 9 — Tisħiħ tal-Kapaċitajiet Istituzzjonali u Modernizzazzjoni Amministrattiva</li> <li>— 2014PT16M2OP007 (Cresc Algarve): assi prijoritarju 8 — Modernizzazzjoni u għoti tas-setgħa lill-Amministrazzjoni</li> </ul> | <p>(1) Ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ mogħti lil persuni impjegati fis-settur pubbliku.</p> <p>(2) Ir-rata fis-siegħa għas-salarji mħallsa lil persuni impjegati fis-settur pubbliku waqt li jkunu qed jagħmlu kors ta' taħriġ.</p> | <p>Il-kostijiet kollha eliġibbli tal-operazzjoni.</p> <p>Fejn is-salarju tal-persuna mħarrġa waqt li tkun qiegħda tattendi għal kors ta' taħriġ ma jkunx kost eliġibbli, għandha tiġi rimborżata biss ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ.</p> <p>Fejn is-salarju tal-persuna mħarrġa jkun element ta' kost eliġibbli għal din l-operazzjoni, jistgħu jiġu rimborżati ż-żewġ ammonti.</p> | <p>L-għadd ta' sigħat imwettqa ta' taħriġ ipprovdut lil persuni impjegati fis-settur pubbliku għal kull parteċipant.</p> | <p>(1) 7,12 — ir-rata fis-siegħa għat-taħriġ</p> <p>(2) 7,50 — ir-rata fis-siegħa li tkopri s-salarju tal-persuna li tattendi għat-taħriġ.</p> |

## 2. Aġġustament tal-ammonti

Il-kost unitarju 1 jista' jiġi aġġustat f'konformità mad-data ġdida dwar l-ammonti minfuqa fuq it-taħriġ kif irrappurtata fl-Istħarriġ dwar l-Edukazzjoni Vokazzjonali Kontinwa ppubblikat mill-Eurostat (linja bażi: 2015)."

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2171****tas-17 ta' Diċembru 2019**

**li jniedi investigazzjoni dwar ċirkomvenzjoni possibbli ta' miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267 fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu kkonsenjati mil-Laos, mit-Tajlandja u mill-Indja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mil-Laos, mit-Tajlandja u mill-Indja kif ukoll jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għar-reġistrazzjoni**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup> ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li infurmat lill-Istati Membri,

Billi:

**A. INVESTIGAZZJONI EX OFFICIO**

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha, skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li tinvestiga ċ-ċirkomvenzjoni possibbli tal-miżuri antidumping imposti fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u biex tagħmel importazzjonijiet bħal dawn soġġetti għal reġistrazzjoni.

**B. PRODOTT**

- (2) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa l-elettrodi għall-iwweldjar tat-tungstenu, inklużi biċċiet (bars) u viereg tat-tungstenu għall-elettrodi tal-iwweldjar, li fihom 94 % jew aktar tal-piż tat-tungstenu, minbarra dawk miksuba sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, kemm jekk maqtugħin għat-tul, li fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267 <sup>(2)</sup> jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 10 u 8515 90 80 10) u li joriġinaw fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat"). Dan huwa l-prodott li għalih japplikaw il-miżuri fis-seħħ bħalissa.
- (3) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħal dak definit fil-premessa preċedenti, iżda kkunsinnat mill-Indja, mil-Laos u mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarat li joriġina mill-Indja, Laos, u t-Tajlandja kif ukoll jekk le, u li bħalissa jaqqa' taħt l-istess kodiċi NM bħall-prodott ikkonċernat ("il-prodott li qed jiġi investigat").

**C. IL-MIŻURI EŻISTENTI**

- (4) Il-miżuri li bħalissa huma fis-seħħ u li possibbilment qiegħed ikun hemm ċirkomvenzjoni tagħhom huma miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267 ("il-miżuri eżistenti").

**D. BAŻI**

- (5) Il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li l-miżuri antidumping eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina qed jiġu evitati permezz ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat.
- (6) L-evidenza għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni hija kif ġej.

<sup>(1)</sup> ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1267 tas-26 ta' Lulju 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' elettrodi tat-tungstenu li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 (ĠU L 200, 29.7.2019, p. 4).



- (7) Id-*data* rrapportata lill-Kummissjoni mill-Istati Membri dwar il-kummerċ tal-importazzjoni fil-prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku, turi b'mod preliminari li seħħet bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u mill-Indja, mil-Laos u mit-Tajlandja lejn l-Unjoni wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat. Din il-bidla tidher mingħajr raġuni valida biżżejjed jew ġustifikazzjoni ekonomika għal bidla bħal din għajr l-impożizzjoni tad-dazju.
- (8) Din il-bidla tidher li ġeja mit-trasbord tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina via l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja lejn l-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza li tistabilixxi li ma hemmx faċilitajiet li jipproduċu elettrodi tat-tungstenu fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-pajjiżi.
- (9) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha għad-dispożizzjoni tagħha biżżejjed evidenza li turi li l-effetti korrettivi fuq il-prodott ikkonċernat tal-miżuri antidumping eżistenti qegħdin jiġu mdgħajfin kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll fejn jidħol il-prezz. L-importazzjonijiet ta' volumi sinifikanti tal-prodott investigat jidher li hađu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li turi li l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat qed isiru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz mhux dannuż stabbilit fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.
- (10) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni għandha biżżejjed evidenza li turi li l-prezzijiet tal-prodott investigat huma oġġett ta' dumping meta mqabblin mal-valur normali stabbilit diġà għall-prodott ikkonċernat.
- (11) Jekk il-prattiki ta' evażjoni via l-Indja, il-Laos u t-Tajlandja koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr it-trasbord, ikunu identifikati fl-investigazzjoni, l-investigazzjoni tista' tkopri wkoll dawn il-prattiki.

#### E. PROCĊEDURA

- (12) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li teżisti biżżejjed evidenza biex tiġġustifika l-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku u li tagħmel l-importazzjonijiet tal-prodott investigat suġġetti għal reġistrazzjoni, b'konformità mal-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.
- (13) Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li l-partijiet kollha interessati jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux aktar tard mil-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. Il-limitu taż-żmien stabbilit fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha. Jekk ikun meħtieġ, jista' wkoll jintalab tagħrif mingħand l-industrija tal-Unjoni.
- (14) L-awtoritajiet tal-Indja, tal-Laos, tat-Tajlandja u tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina se jiġu nnotifikati bil-bidu tal-investigazzjoni.

#### (a) Ġbir ta' tagħrif u seduti ta' smigħ

- (15) Il-partijiet interessati kollha inkluż l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi u kwalunkwe assoċjazzjoni rilevanti huma mistiedna jippreżentaw l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn dment li dawn is-sottomissjonijiet isiru fi żmien l-iskadenza prevista fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, bil-kundizzjoni li jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn jenħtieġ li jinstemgħu.

#### (b) Eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri

- (16) F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jiġu eżentati mir-reġistrazzjoni jew mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tkunx tikkostitwixxi evażjoni.
- (17) Peress li ċ-ċirkomvenzjoni possibbli sseħħ barra mill-Unjoni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi tal-prodott investigat fl-Indja, fil-Laos u fit-Tajlandja li jistgħu juru li mhumiex involuti fi Prattiki ta' ċirkomvenzjoni kif definit fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Jekk ikun hemm produtturi jixtiequ jiksbu eżenzjoni għandhom jippreżentaw ruħhom fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament. Il-kwestjonarju huwa disponibbli fil-fajl li jista' jiġi analizzat mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DG Kummerċ. [http://trade.ec.europa.eu/tdi/case\\_details.cfm?id=2427](http://trade.ec.europa.eu/tdi/case_details.cfm?id=2427), li għandu jiġi ppreżentat fil-limitu ta' żmien indikat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament..

#### F. IR-REĠISTRAZZJONI

- (18) Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat għandhom ikunu soġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk l-investigazzjoni tikkonkludi li jkun hemm ċirkonvenzjoni, ikun jista' jiġi impost ammont xieraq ta' dazji antidumping mid-data li fiha tkun ġiet imposta r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet bħal dawn.

#### G. IL-LIMITI TA' ŻMIEN

- (19) Sabiex ikun hemm amministrazzjoni tajba, jenħtieġ li jiġu ddikjarati l-limiti ta' żmien li fihom:
- il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa lill-Kummissjoni, jippreżentaw l-opinjoni tagħhom bil-miktub u jippreżentaw kwalunkwe tagħrif li għandu jiġi kkunsidrat matul l-investigazzjoni,
  - il-produtturi fl-Indja, fil-Laos u fit-Tajlandja jistgħu jitolbu għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjoni jew tal-miżuri,
  - il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.
- (20) Ta' min jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċitar tad-drittijiet proċedurali stipulati fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-partijiet jippreżentaw lilhom infushom fil-limiti ta' żmien indikati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

#### H. NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI

- (21) Jekk xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess jew ma tipprovdi it-tagħrif meħtieġ fil-limiti ta' skadenza stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (22) Jekk jinstab li xi parti interessata tkun ipprovdiet tagħrif falz jew qarrieq, it-tagħrif ma għandux jitqies u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli b'mod konformi mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.
- (23) Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

#### I. SKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI

- (24) L-investigazzjoni se tintemm, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

#### J. IPPROĊESSAR TA' DATA PERSONALI

- (25) Ta' min jinnota li kull *data* personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.
- (26) Avviż dwar il-protezzjoni tad-*data* li jinforma lill-individwi kollha dwar l-ipproċessar tad-*data* personali fil-qafas tal-attivitajiet tad-difiża tal-kummerċ tal-Kummissjoni huwa disponibbli fuq is-sit web tad-DG Kummerċ: <http://ec.europa.eu/trade/policy/accessing-markets/trade-defence/>.

#### K. L-UFFIĊJAL TAS-SEDUTA

- (27) Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta għal proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jirrieżamina t-talbiet għall-aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u kwalunkwe talba oħra dwar id-drittijiet tad-difiża ta' partijiet interessati u partijiet terzi kif dawn jinqalgħu matul il-proċedimenti.
- (28) L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza seduti ta' smiġh u jagħmilha ta' medjatur bejn il-parti(jiet) interessata/i u s-servizzi tal-Kummissjoni sabiex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkun qed jiġu eżerċitati bis-siħ. Jenħtieġ li t-talba għal seduta ta' smiġh mal-Uffiċjal tas-Seduta ssir bil-miktub u jenħtieġ li tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina r-raġunijiet għat-talbiet. Jenħtieġ li dawn is-seduti ta' smiġh isiru biss jekk il-kwistjonijiet ma jkunux ġew solvuti mas-servizzi tal-Kummissjoni fi żmien debitu.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (29) Kull talba trid tiġi ppreżentata fi żmien raġonevoli u f'qasir żmien sabiex ma xxekklix l-andament tajjeb tal-proċedimenti. Għal dan il-għan, il-partijiet interessati jenħtieġ li jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta minn kmieni kemm jista' ikun wara li jseħħ il-każ li jiġġustifika tali intervent. Fil-prinċipju, l-iskedi ta' żmien stabbiliti fit-Taqsima 5.7 sabiex jintalbu seduti ta' smigħ mas-servizzi tal-Kummissjoni japplikaw *mutatis mutandis* għal talbiet għal seduti ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta. Meta t-talbiet għal seduti ta' smigħ jiġu ppreżentati lil hinn mill-iskedi ta' żmien rilevanti, l-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina wkoll ir-raġunijiet għalfejn tali talbiet saru daqshekk tard, in-natura tal-kwistjonijiet imqajma u l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq id-drittijiet tad-difiża, filwaqt li jqis kif dovut l-interessi ta' amministrazzjoni tajba u t-tlestija tal-investigazzjoni fil-ħin.
- (30) Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq il-website tad-DĠ KUMMERĊ: <http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/>

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Investigazzjoni tinbeda skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036, sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' elettrodi tat-tungstenu tal-iwweldjar, inklużi biċċiet u viereg tat-tungstenu għall-elettrodi tal-iwweldjar, li fihom 94 % jew aktar bil-piż ta' tungstenu, ħliel daww miksubin sempliċiment minn tgħaqqid bis-sħana, kemm jekk maqtugħin kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8101 99 10 u ex 8515 90 80 (kodiċijiet TARIC 8101 99 10 11, 8101 99 10 12, 8101 99 10 13 u 8515 90 80 11, 8515 90 80 12 u 8515 90 80 13) ikkunsinjati mill-Indja, mil-Laos, u mit-Tajlandja, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Indja, milLaos u mit-Tajlandja kif ukoll jekk le, qed jevitaw il-miżuri imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1267.

#### Artikolu 2

1. L-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (UE) 2016/1036, għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.
2. Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
3. Il-Kummissjoni tista' tordna lill-awtoritajiet doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni fir-rigward ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti magħmula minn esportaturi/produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkunu nstabu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata eżenzjoni.

#### Artikolu 3

1. Il-partijiet interessati jridu jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jiġu kkunsidrati waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub u jressqu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew xi tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mid-data meta jiġi ppubblikat dan ir-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.
3. Il-partijiet interessati jistgħu wkoll japplikaw sabiex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.
4. L-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni tagħrif u/jew data soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' terzi persuni, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu a) li l-Kummissjoni tuża t-tagħrif u d-data għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u b) li jipprovdi t-tagħrif u/jew id-data lill-partijiet interessati f'din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom li jeżerċitaw id-dritt tad-difiża tagħhom.
5. Il-preżentazzjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati li jkun intalab trattament kunfidenzjali għalihom għandhom jiġu mmarkati "Limited" (\*). Il-partijiet li jippreżentaw tagħrif matul din l-investigazzjoni huma mistiedna jagħtu raġuni għat-talba tagħhom għal trattament kunfidenzjali.

(\*) Dokument "Limited" huwa dokument li jitqies li jkun kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-Dumping). Huwa wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

6. Il-partijiet interessati li jagħtu informazzjoni "Limited" huma mitluba jipprovdu taqsiriet mhux kunfidenzjali tagħha skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 li jiġu mmarkati "For inspection by limited parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Jenħtieġ li dawn it-taqsiriet ikunu ddettaljati biżżejjed biex jippermettu li s-sustanza tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali tinftiehem b'mod raġonevoli.

7. Jekk parti li tipprovdi taġrif kunfidenzjali tonqos milli taġhti raġunijiet ġusti għal talba ta' trattament kunfidenzjali jew ma tfassalx sommarju mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u bil-kwalità mitluba, il-Kummissjoni tista' tinjora tali taġrif sakemm ma jkunx jista' jintwera b'mod sodisfaċenti minn sorsi xierqa li t-taġrif huwa korrett.

8. Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu l-preżentazzjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' TRON.tdi (<https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI>) inklużi dokumenti skenjati ta' prokuri u ta' ċertifikazzjoni.

Sabiex ikollhom aċċess għal TRON.tdi, il-partijiet interessati jeħtieġu kont tal-EU Login. L-istruzzjonijiet kollha dwar kif wieħed għandu jirreġistra u juża TRON.tdi huma disponibbli fuq <https://webgate.ec.europa.eu/tron/resources/documents/gettingStarted.pdf>.

Meta jużaw TRON.tdi jew il-posta elettronika, il-partijiet interessati jkunu qed jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" (KORRISPONDENZA MAL-KUMMISSJONI EWROPEA F'KAŻIJET TA' DIFIŻA TAL-KUMMERĊ) ippubblikat fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: [http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc\\_148003.pdf](http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf).

Il-partijiet interessati jridu jindikaw isimhom, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu u jridu jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tax-xogħol uffiċjali li jaħdem u li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jingħataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni se tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, dment li ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew dment li n-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu tal-posta reġistrata. Għal aktar regoli u taġrif dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, jenħtieġ li l-partijiet interessati jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission  
Directorate-General for Trade  
Directorate H  
Uffiċċju: CHAR 04/039  
1049 Brussels  
BELGIUM

TRON.tdi: <https://webgate.ec.europa.eu/tron/tdi>  
Indirizzi tal-posta elettronika: TRADE-R710@ec.europa.eu

#### Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2172

tal-5 ta' Diċembru 2019

### li tistabbilixxi li ebda azzjoni effettiva ma ttehdet mill-Ungerija b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill stabbilixxa, f'konformità mal-Artikolu 121(4) tat-Trattat, li fl-2017 kien hemm devjazzjoni sinifikanti osservata mill-objettiv baġitarju ta' terminu medju tal-Ungerija. Fid-dawl ta' dik id-devjazzjoni sinifikanti li ġiet stabbilita, fit-22 ta' Ġunju 2018 il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni <sup>(2)</sup>, biex jirrakkomanda li l-Ungerija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tindirizza dik id-devjazzjoni. Il-Kunsill sussegwentement stabbilixxa li l-Ungerija ma kinitx ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għal dik ir-Rakkomandazzjoni u fl-4 ta' Diċembru 2018 ħareġ Rakkomandazzjoni riveduta <sup>(3)</sup>. Il-Kunsill sussegwentement stabbilixxa li l-Ungerija lanqas ma ħadet azzjoni effettiva b'reazzjoni għal dik ir-Rakkomandazzjoni riveduta.
- (2) Fl-14 ta' Ġunju 2019, il-Kunsill sab li fl-2018 reġa' kien hemm devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-Ungerija. Fuq dik il-bażi, il-Kunsill ħareġ Rakkomandazzjoni <sup>(4)</sup> biex l-Ungerija tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett <sup>(5)</sup> ma taqbiżx it-3,3 % fl-2019 u l-4,7 % fl-2020, li jikkorrispondu għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-prodott domestiku gross (PDG) fl-2019 u 0,75 % tal-PDG fl-2020. L-isforz rakkomandat għall-2020 tqies adegwat, dment li jkun hemm konformità mal-aġġustament mitlub fl-2019. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li l-Ungerija tuża kull gwadann mhux previst għat-tnaqqis tad-defiċit, u qal li jenħteġ li l-miżuri ta' konsolidazzjoni baġitarja jiżguraw titjib dejjiemi fil-bilanċ strutturali tal-amministrazzjoni pubblika b'mod li jiffavorixxi t-tkabbir. Il-Kunsill stabbilixxa skadenza tal-15 ta' Ottubru 2019 sa meta l-Ungerija kellha tirrapporta dwar l-azzjoni li tkun ħadet b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-14 ta' Ġunju 2019.
- (3) Fis-26 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni wettqet missjoni ta' sorveljanza msaħħa fl-Ungerija għall-fini ta' monitoraġġ fuq il-post taħt l-Artikolu -11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Wara li ttrasmettiet ir-riżultati proviżorji tagħha lill-awtoritajiet Ungeriżi għall-kummenti tagħhom, il-Kummissjoni rrapportat il-konklużjonijiet tagħha lill-Kunsill fl-20 ta' Novembru 2019. Dawk il-konklużjonijiet ġew ippubblikati. Ir-rapport tal-Kummissjoni sab li l-awtoritajiet Ungeriżi għandhom l-intenzjoni li jżommu l-mira tad-defiċit nominali tal-2019 ta' 1,8 % tal-PDG kif stabbilit fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. Għall-2020, l-awtoritajiet Ungeriżi rrevedew l-mira tad-defiċit għal 1 % tal-PDG, u b'hekk għamluha aktar ambizzjuża mill-mira ta' 1,5 % tal-PDG indikata fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. B'hekk, l-awtoritajiet Ungeriżi qed jipplanaw li jaġixxu fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-14 ta' Ġunju 2019 fir-rigward tas-sena 2020 biss.

<sup>(1)</sup> ĠUL 209, 2.8.1997, p. 1.

<sup>(2)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 2018 bil-ħsieb li tiġi kkorreġuta d-devjazzjoni osservata sinifikanti mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fit-terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 223, 27.6.2018, p. 1).

<sup>(3)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018 bil-għan li tiġi kkorreġuta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju ta' terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 4).

<sup>(4)</sup> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 bil-ħsieb li tiġi kkorreġuta d-devjazzjoni sinifikanti osservata mill-perkors ta' aġġustament lejn l-objettiv baġitarju fuq terminu medju fl-Ungerija (ĠU C 210, 21.6.2019, p. 4).

<sup>(5)</sup> In-nefqa pubblika primarja netta hija magħmula min-nefqa pubblika totali bl-esklużjoni tan-nefqa fuq l-imgħax, in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni kompletament korrisposti mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni u tibdil mhux diskrezzjonarju fin-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad. Il-formazzjoni tal-kapital fiss gross iffinanzjata fil-livell nazzjonali hija mifruxa fuq perjodu ta' erba' snin. Il-miżuri diskrezzjonali b'rabta mad-dħul jew ma' żidiet fid-dħul preskritti bil-liġi huma meqjusa. Miżuri ta' darba, kemm min-naħa tad-dħul kif ukoll min-naħa tan-nefqa, huma esklużi.

- (4) Fil-15 ta' Ottubru 2019, l-awtoritajiet Ungeriżi ppreżentaw rapport dwar l-azzjoni meħuda b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019. Minkejja l-iżviluppi makroekonomiċi u fiskali aktar favorevoli s'issa fl-2019, f'dak ir-rapport, l-awtoritajiet Ungeriżi qed iżommu l-mira tad-defiċit tal-amministrazzjoni pubblika tal-Programm ta' Konverġenza tal-2019 ta' 1,8 % tal-PDG fl-2019. Għall-2020, l-awtoritajiet Ungeriżi jikkonfermaw il-mira ta' defiċit nominali ta' 1,0 % tal-PDG, f'konformità mal-baġit tal-2020, u ta' 0,5 % tal-PDG aħjar mill-mira inkluża fil-Programm ta' Konverġenza tal-2019. Ir-rapport ifakkar fir-riżerva għolja (1 % tal-PDG) inkluża fil-mira tad-defiċit tal-2020, li hija mmirata lejn l-immaniġġjar tar-riskji esterni u li tista' tintefaq biss jekk il-mira tad-defiċit tkun mistennija tintlaħaq. Ir-rapport jelenka l-miżuri li jżidu d-defiċit li jinsabu fil-"Pjan ta' Azzjoni għall-Protezzjoni Ekonomika" li l-gvern Ungeriż adotta fit-30 ta' Mejju 2019, li għandhom l-għan li jsostnu t-tkabbir fis-snin li ġejjin b'rata ta' żewġ punti perċentwali ogħla mill-medja tal-Unjoni. Il-firxa wiesgħa ta' programmi ekonomiċi elenkati fir-rapport tibqa' fil-biċċa l-kbira mhux kwantifikata u r-rapport ma jinkludix xi projezzjoni baġitarja għall-2019 u l-2020. Għalhekk, ir-rapport ma jikkonformax mar-rekwiżit ta' rapportar rakkomandat mill-Kunsill.
- (5) Fl-2019, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2019, it-tkabbir fl-infiq pubbliku primarju nett huwa projettat li jkun 6,8 %, sew ogħla mir-rata rakkomandata ta' 3,3 % (devjazzjoni ta' 1,3 % tal-PDG). Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jitjeb b'0,5 % tal-PDG, kontra t-titjib rakkomandat ta' 1,0 % tal-PDG (devjazzjoni ta' 0,5 % tal-PDG). Għalhekk, iż-żewġ pilastri jippuntaw lejn devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat. Il-qari tal-parametru referenzjarju tan-nefqa huwa affettwat b'mod negattiv mill-użu ta' deflatur tal-PDG aktar baxx sottostanti għal dak l-indikatur meta mqabbel mal-istimi attwali. Barra minn hekk, il-livellar tal-investment iffinanzjat fuq skala nazzjonali iħalli impatt marġinali u negattiv fuq il-qari tal-parametru referenzjarju tan-nefqa. Il-bilanċ strutturali, min-naħa tiegħu, huwa affettwat b'mod pożittiv mill-istima ogħla tat-tkabbir potenzjali sottostanti għal dak l-indikatur iżda li huwa affettwat b'mod negattiv minn tnaqqis fid-dħul. Meta jitqiesu dawk il-fatturi, il-valutazzjoni kumplessiva tikkonferma devjazzjoni mill-aġġustament rakkomandat fl-2019.
- (6) Fl-2020, abbażi tat-tbassir tal-Kummissjoni tal-ħarifa 2019, it-tkabbir fl-infiq pubbliku primarju nett huwa projettat li jkun 7,5 %, sew ogħla mir-rata rakkomandata ta' 4,7 % (devjazzjoni ta' 1,0 % tal-PDG). Il-bilanċ strutturali huwa mistenni li jitjeb b'1,2 % tal-PDG, 0,4 punti perċentwali aktar mill-isforz ta' 0,75 % tal-PDG rakkomandat mill-Kunsill. Għalhekk, il-parametru referenzjarju tan-nefqa jindika riskju ta' devjazzjoni mill-aġġustament meħtieġ filwaqt li l-bilanċ strutturali jindika konformità, b'diskrepanza relattivament kbira. L-investment pubbliku ilu jżied b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin biex jilħaq livell ta' 6,4 % tal-PDG fl-2019, bil-bosta l-ogħla fl-Unjoni. F'dan il-kuntest, it-tnaqqis ippjanat fl-2020 jitqies bħala normalizzazzjoni aktar fit-tul tar-rata tal-investment pubbliku. Filwaqt li t-tnaqqis fl-investment huwa rifless b'mod sħiħ fil-bidla tal-bilanċ strutturali, il-profil livellat tal-investment fil-parametru referenzjarju tan-nefqa jirriżulta f'indikazzjoni negattiva żżejjed tal-isforz fiskali mogħti mill-parametru referenzjarju tan-nefqa. Il-parametru referenzjarju tan-nefqa huwa wkoll affettwat b'mod negattiv mill-użu ta' deflatur tal-PDG aktar baxx meta mqabbel mal-istimi attwali. Meta jitqiesu dawn il-fatturi, il-parametru referenzjarju tan-nefqa jindika konformità mar-rekwiżit. Fl-istess ħin, il-bilanċ strutturali huwa influwenzat b'mod pożittiv minn stima ta' punt ogħla tat-tkabbir potenzjali tal-PDG sottostanti għall-kalkolu tiegħu meta mqabbel mal-medja fuq terminu medju sottostanti għall-parametru referenzjarju tan-nefqa. Meta jitqiesu dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-valutazzjoni kumplessiva tikkonkludi li l-Ungerija se tasal għall-aġġustament rakkomandat fl-2020.
- (7) Ir-riżultati ta' hawn fuq iwasslu għall-konklużjoni li r-reazzjoni tal-Ungerija għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019 ma kinitx biżżejjed. L-isforz fiskali mhuwiex suffiċjenti biex jiżgura li r-rata ta' tkabbir nominali tal-infiq pubbliku primarju nett ma teċċedix 3,3 % fl-2019, korrispondenti għal aġġustament strutturali annwali ta' 1,0 % tal-PDG, filwaqt li fl-2020 l-isforz fiskali pjanat huwa kumplessivament konsistenti mal-aġġustament rakkomandat.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### Artikolu 1

L-Ungerija ma ħaditx azzjoni effettiva b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2019.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Ungerija.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. LINTILÄ

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2173****tas-16 ta' Diċembru 2019****li taħtar ħames membri tal-Qorti tal-Awdituri**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Duk tal-Lussemburgu u r-Renju tan-Netherlands,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-mandati tas-Sur Nikolaos MILIONIS, is-Sa Danièle LAMARQUE, is-Sur Henri GRETHEN u s-Sur Alex BRENNINKMEIJER ser jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2019.
- (2) Il-mandat tas-Sur Klaus-Heiner LEHNE ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2020.
- (3) Għaldaqstant għandhom jinħatru ħames membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Dawn li ġejjin huma b'dan maħtura membri tal-Qorti tal-Awdituri:

- (a) għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2025:
  - Is-Sur Mr Nikolaos MILIONIS,
  - Is-Sur François-Roger CAZALA,
  - Is-Sa Joëlle ELVINGER,
  - Is-Sur Alex BRENNINKMEIJER;
- (b) għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2020 sat-28 ta' Frar 2026:
  - Is-Sur Klaus-Heiner LEHNE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. LEPPÄ

---

<sup>(1)</sup> Opinjonijiet tas-26 ta' Novembru 2019 (għadhom mhux ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali).



**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2174****tas-17 ta' Diċembru 2019****dwar l-eżistenza ta' kundizzjonijiet tas-suq, fit-tifsira tal-Artikolu 35 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317, fir-rigward ta' wħud mis-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminals tal-ajruporti ta' Alicante u Ibiza***(notifikata bid-dokument C(2019) 8919)***(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 16(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/317 tal-11 ta' Frar 2019 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni u imposti fl-Ajru Uniku Ewropew <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu (35)(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Lulju 2019, Spanja nnotifikat lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni maħsuba tagħha li wħud mis-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru fit-terminals tal-ajruporti ta' Alicante u Ibiza huma suġġetti għal kundizzjonijiet tas-suq ("id-deċiżjoni maħsuba ta' Spanja"). Dawk is-servizzi jikkonċernaw il-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-ajrudrom. Id-deċiżjoni maħsuba ta' Spanja tikkonċerna t-tielet perjodu ta' referenza skont it-tifsira tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.
- (2) Skont l-Artikolu 35(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, u fuq il-bażi ta' valutazzjoni ddetaljata tal-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Anness X ta' dak ir-Regolament, l-awtoritajiet Spanjoli jqisu li s-servizzi kkonċernati huma suġġetti għall-kundizzjonijiet tas-suq. L-awtoritajiet Spanjoli kkonsultaw lir-rappreżentanti tal-utenti tal-ispazju tal-ajru, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-operaturi tal-ajruport u l-fornituri tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru.
- (3) Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet Spanjoli qieset is-sitt kriterji li huma previsti fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317. Skont il-punt 6 tiegħu, il-kriterji preċedenti ġew iwwalutati individwalment għal kull ajruport. Għall-kriterji stipulati fil-punti 1) u 2) tiegħu, l-awtoritajiet Spanjoli sabu li ma kienx hemm ostakli sinifikanti li jipprevjenu lil fornitur tas-servizzi mill joffri servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-ajrudrom. L-abbozz ta' kuntratt tal-provvista tas-servizz jipprevedi l-kundizzjonijiet u l-proċeduri li skonthom l-ajruporti jistgħu jiterminaw il-kuntratt u jaqilbu għall-awtoforiment. Il-valutazzjoni tal-awtoritajiet Spanjoli turi wkoll li hemm fis-seħħ proċeduri li jipprevedu t-trasferiment tal-persunal u tal-assi kollha lejn kumpanija differenti. Fir-rigward tal-punt 3 tal-Anness X, ta' min jinnota li Spanja organizzat sejħa li tapplika proċess ta' sejħa għall-offerti pubblika eżistenti għall-forniment tas-servizzi inkwistjoni. Fil-mument tal-proċess tal-offerti, ġew iċċertifikati tmien fornituri differenti tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru minn Spanja, li jikkostitwixxu fornituri ta' servizz alternattivi kredibbli biex jipparteċipaw fil-proċess tal-offerti. Uħud minn dawk il-fornituri tas-servizzi kienu diġà pprovdew servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru. Fir-rigward tal-kriterju stabbilit fil-punt 4 tal-Anness X, l-ajruporti ta' Alicante u Ibiza huma t-tnejn suġġetti għal pressjonijiet kummerċjali u tabilħaqq jikkompetu b'mod attiv għat-traffiku turistiku. L-offerent magħżul huwa distint u indipendenti mill-fornitur kurrenti tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru *en route*, li jiżgura li l-kontabbiltà u r-rappurtar ikunu separati, kif imsemmi fil-punt 5 tal-Anness X.
- (4) Il-Kummissjoni eżaminat id-deċiżjoni maħsuba ta' Spanja u l-valutazzjoni sottostanti tagħha, u waslet għall-konklużjoni li l-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq għall-forniment ta' servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-ajrudrom, kif notifikata minn Spanja fid-29 ta' Lulju 2019, twettqet skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

<sup>(1)</sup> ĠUL 96, 31.3.2004, p. 10.<sup>(2)</sup> ĠUL 56, 25.2.2019, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-valutazzjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq għall-forniment ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru tal-ajrudrom fiż-żoni tal-imposti tat-terminals fl-ajruporti ta' Alicante u Ibiza matul it-tielet perjodu ta' referenza skont it-tifsira tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317, kif innotifikat minn Spanja fid-29 ta' Lulju 2019, twettqet skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness X tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/317.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni*  
Adina-Ioana VĂLEAN  
*Membri tal-Kummissjoni*

---



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

